TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/60/11/S

Marianne Spiteri
Vs
Lawrence Grech

Illum 4 ta'Mejju, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Marianne Spiteri datata 28 ta'Jannar, 2011 u r-risposta tal-intimat Lawrence Grech ipprezentata fil-25 ta'Marzu, 2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u r-rapport tat-tekniku Vincent E.Ciliberti, kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet maghmula fis-16 ta'Marzu, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar frenza ta' zewgt itwapet li saret ta' kulur safrani u kannella car meta gew imnaddfa mill-intimat;

Illi dan gie kkonfermat mit-tekniku fir-rapport tieghu kif ukoll jirrizulta mir-ritratti pprezentati u mmarkati bhala Dok MS1 u Dok MS2;

Illi t-tekniku kkonferma li l-frenza tista' titnaddaf u ssir bajda;

Illi t-talba rikorrenti hi ghal €250 pero r-rikorrenti naqset milli tipprova kif waslet ghal tali somma u fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" min jallega jrid jipprova u dan kif spjegat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta'Jannar, 1999 fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited";

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' limitatament it-talba tar-rikorrenti Marianne Spiteri u Jordna lill-intimat Lawrence Grech ihallas lir-rikorrenti s-somma ta'

€30, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz tar-rapport tekniku jithallsu mill-istess Lawrence Grech.

Richard Sladden Av.
Arbitru